MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 534/2014

**Aronne ID 552631M u Maria konjugi Sultana ID 223733M**

**vs**

**Stephanie Fenech**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li b'dan l-AVVIZ l-Atturi qed jitolbu minghand l-Konvenuta l-hlas ta' elf, mitejn, disgha u teltin Ewro erbgha u ghoxrin centezmi (€1,239.24c) bhala sehemhom fi hlas ta' appogg meta waqt xoghol fuq bini taghha fil-Mellieha hi apoggat ma bini tal-atturi. Il-*quantum* hu gustifikat bid-dok AS1 mal-AVVIZ. Il-hlas ma sarx minkejja ittra ufficjali datata 4 ta' Lulju 2014 *ai termini* tal-art 166a tal-Kap 12 u notifikata lill-Konvenuta fil-11 tal-istess xahar.

**Ra** li l-Konvnuta fir-RISPOSTA ssollevat il-preskrizzjoni skond art 2156 (f) tal-Kap 16 u mbaghad ghaddiet biex tghid li l-pretensjonijiet imressqa ghandhom jigu michuda u li ma sar ebda appogg.

II PROVI

1. <u>Frans Fenech</u> xehed li l-konvenuta ma tantx kienet involuta fix-xoghlijiet ghax ha hsieb hu kwazi ta' kollox. Ix-xoghlijiet saru mill-kuntrattur John Bartolo u dawn kienu lesti fl-2000. Huma hallsu kollox (Dok FF2 u 3). Wara dan ma saru ebda xoghlijiet.

2. In kotro-ezami, qal li wara u mindu spicca x-xoghol, l-Atturi talbu nofs il-flus tal-appogg "din is-sena". <u>Cahad li qallu li kien ser jikkunsidra dan</u>. L-ittra ufficjali *a fol* jaf biha.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Fl-art 2156(f) tal-Kodici Civili. Ghandna l-preskrizzjoni kwinkwennali.

2. Ta min iqis dawn id-dati:

   (a) L-Avviz prezenti gie mdahhal il-Qorti fit-30 ta' Lulju 2014 u gie notifikat fid-19 ta' Settembru 2014.

   (b) Il-kont *a fol* 2, Dok AS1 mill-Perit Attard, mehmuz mal-AVVIZ ma jgib ebda data.

   (c) L-asserzjoni ta' Frans Fenech li x-xoghol kien lest fl-2006 ma meriha hadd.

   (d) Bejn il-bidu tas-sena 2007 u s-sena 2014 ghaddew iktar sew minn 5 snin.

3. Il-preskrizzjoni tista tigi nterrotta b'xi ammissjoni. Fejn tidhol ammissjoni, mhemx ghalfejn wiehed jistenna kliem f'termini precizi ta' ammissjoni. Jista jkun hemm interruzzjoni meta wiehed jghid "issa nara", jew "mhux daqstant kemm qed titlob", jew "issa nirrangaw", jew "issa niftehmu". Fil-kaz prezenti ma jirrizulta xejn minn dan. Kulma ghandan li fuq domanda in kontro-ezami ta' Frans Fenech, dan **<u>cahad</u>** bla tlaqlieq is-"uggeriment" li lill-Attur kien qallu li kien ser "jikkunsidra" t-talba ghall-appogg.

4. Dan ifisser li l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni ghandha tigi milqugha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **<u>jiddeciedi</u>** billi (1) **<u>jilqa</u>** l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni ai termini tal-art 2156 (f) tal-Kodici Civili (2) **<u>jastjeni</u>** milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra (3) **<u>jichad</u>** it-Talba Attrici u (4) **<u>jikkundanna</u>** lill-Atturi li jhallsu l-ispejjes tal-Kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------